**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**

**Spettur Colin Sheldon**

**vs**

**Thomas Camilleri**

**Distrett Sliema**

**Illum 17 ta' Gunju, 2020**

Il-Qorti;

Rat li Thomas Camilleri detentur tal-karta tal-identita bin-numru 570788M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xhur ta' bejn Dicembru 2019 u April, 2020, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. Nhar it-22 ta' Dicembru 2019, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn is- 00:10 hrs u 00:30 hrs, f'dawn il-Gzejjer, talli b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha

fuq hadiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u/jew ghamel xi qligh iehor (€100) b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Aaron Attard minn H'Attard u/jew persuni ohra;

2. Kif ukoll talli nhar it-23 ta' Dicembru 2019, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn 04:45 hrs u 05:15 hrs, f'dawn il-Gzejjer, talli b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq hadiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u/jew ghamel xi qligh iehor (€60) b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Manuel Falzon mill-Mqabba u/jew persuni ohra;

3. Kif ukoll talli nhar it-23 ta' Dicembru 2019, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn 18:30 hrs u 19:15 hrs, f'dawn il-Gzejjer, talli b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq hadiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u/jew ghamel xi qligh iehor (€100) b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Joseph Falzon mill-Mosta u/jew persuni ohra;

4. Kif ukoll talli nhar it-28 ta' Dicembru 2019, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn 20:20 hrs u 20:30 hrs, f'dawn il-Gzejjer, talli b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq hadiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u/jew ghamel xi qligh iehor (€100) b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Ivica Mandic mill-Msida u/jew persuni ohra;

5. Kif ukoll talli nhar it-2 ta' Frar 2020, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn 02:00 hrs u 02:30 hrs, f'dawn il-Gzejjer, talli b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq hadiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u/jew ghamel xi qligh iehor(€93) b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Christopher Dimech minn Birkirkara u/jew persuni ohra;

6. Kif ukoll talli nhar id-9 ta' Frar 2020, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn 12:30 hrs u 12:45 hrs, f'dawn il-Gzejjer, talli b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq hadiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u/jew ghamel xi qligh iehor (€160) b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Dean James Gatt minn Ta' Xbiex u/jew persuni ohra;

7. Kif ukoll talli nhar it-25 ta' Frar 2020, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn 02:30 hrs u 03:00 hrs, f'dawn il-Gzejjer, talli b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq hadiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u/jew ghamel xi qligh iehor (€50) b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Ismael Seisun minn Bormla u/jew persuni ohra;

8. Kif ukoll talli nhar it-12 ta' Marzu 2020, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn 00:30 hrs u 00:45 hrs, f'dawn il-Gzejjer, talli b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq hadiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u/jew ghamel xi

qligh iehor (€35) b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Andrea Bonfiglio mill-Gzira u/jew persuni ohra;

9. Kif ukoll talli nhar l-01 ta' April 2020, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn 02:15 hrs u 02:30 hrs, f'dawn il-Gzejjer, talli b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq hadiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u/jew ghamel xi qligh iehor (€70) b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Jamal Mansour Mohammed Alnajar minn San Pawl il-Bahar u/jew persuni ohra;

10. Kif ukoll talli nhar l-12 ta' April 2020, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn 16:00 hrs u 17:00 hrs, f'dawn il-Gzejjer, talli b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq hadiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u/jew ghamel xi qligh iehor (€200) b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Ryan Muscat minn Birkirkara u/jew persuni ohra;

11. Kif ukoll talli nhar il-21 ta' April 2020, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn 11:12 hrs u 11:36 hrs, f'dawn il-Gzejjer, talli b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq hadiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u/jew ghamel xi qligh iehor (€50) b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Murad Saleh Khalifa Miftah mill-Pieta' u/jew persuni ohra;

12. Kif ukoll talli nhar it-22 ta' April 2020, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn 20:00 hrs u 20:30 hrs, f'dawn il-Gzejjer, talli b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq hadiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u/jew ghamel xi qligh iehor (€100) b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Raymond Borg miz-Zebbug Malta u/jew persuni ohra;

13. Kif ukoll talli naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Simone Grech LLD fid-digriet datat tal- 20 ta' Settembru 2019 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht depozitu ta' 250 Euro u Garanzija Personali ta' 3000 Euro;

14. U finalment talli rrendejt ruhek ricediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 20 ta' Settembru 2020 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Thomas Camilleri kif ukoll tordna li s-somma ta' €3,250 bhala garanzija personali li giet imposta fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, hekk kif stipulat fl-Artikolu 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' stqarrija mmarkata bhala Dok CS1, dikjarazzjoni tal-imputat fejn ikkonsulta ma Avukat tal-ghazla tieghu mmarkata bhala Dok CS2, fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok CS3, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok CS4, ammont ta' current incident reports immarkati bhala Dok CS5, pendrive mmarkat bhala Dok RM1, 2 ritratti mmarkati bhala Dok RB1 u Dok RB2, affidavit ta' WPC 167 Joanne Grima, WPC 416 S. J. Ellul, PC 1187 Matthew Cassar, WPC 251 Sally Ann Felice, WPS 256 L. Sant, PS 758 Andy Borg.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lill-Ispettur Colin Sheldon, Aaron Attard, Manwel Falzon, Joseph Falzon, Ivika Mandic, Christopher Dimech, Dean James Gatt, Ismael Seisun, Andrea Bonfiglio, Jamal Mansour Mohammed Alnajar, Ryan Muscat u Raymond Borg.

**L-Ispettur Colin Sheldon,** jispjega li fit-22 ta' Dicembru, 2019 dahal l-ewwel rapport fejn xufier tat-taxi rraporta li wassal persuna mill-Hilton Hotel, San Giljan ghall-Empire Stadium il-Gzira u l-passiggier qal lix-xufier sabiex jistennieh igiblu bqija ta' €100, izda dan il-passiggier qatt ma mar jaghti l-bqija lix-xufier. Fit-23 ta' Dicembru, 2019 dahlu zewg rapporti minn zewg xufiera tat-taxis differenti. Fit-28 ta' Dicembru, 2019 dahal rapport iehor simili bhal l-ohrajn fejn dawn in-nies bdew jaghtu deskrizzjoni tal-persuna koncernata li kienet taqbel hafna mad-deskrizzjoni ta' Thomas Camilleri. Fit-2 ta' Frar, 2020, fid-9 ta' Frar, 2020, fil-25 ta' Frar, 2020, fit-12 ta' Marzu, 2020, fl-1 t'April, 2020 dahlu rapporti kollha simili bhal tal-ewwel wiehed. Fit-12 t'April, 2020 dahal rapport minn persuna li kien kellem lil Thomas Camilleri fuq facebook sabiex jixtri playstation li kien irriklama l-istess Thomas Camilleri, fejn meta din il-persuna ltaqghet ma Thomas Camilleri, tatu l-flus izda baqa' bla playstation. Fit-22 t'April, 2020 dahal rapport fuq incident li gara l-gurnata ta' qabel fejn Thomas Camilleri dahal gewwa mini-market gewwa Triq Sir Adrian Dingli fejn infurma lil sid il-hanut li xtaq jghamel xirja kbira, izda s-sid infurmah li deliveries ma jaghmilx. Thomas telaq il'barra u rega' dahal wara ftit fejn talab lis-sid li ried bqija ta' €100. Is-sid ta l-flus lil Thomas Camilleri fejn tal-ahhar, kif inghata l-flus, harab jigri. Fit-22 t'April, 2020 inhareg Mandat t'Arrest fil-konfront ta' Thomas Camilleri liema Mandat gie ezegwit fil-25 ta' April, 2020. Thomas Camilleri nghata d-dritt li jikkonsulta ma Avukat u meta bdiet tittiehidlu l-istqarrija, Thomas Camilleri ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li kienu qed isirulu. Gie mressaq quddiem il-Magistrat Dr. Neville Camilleri fejn irrisponda li ma kienx hati u ma nghatax il-helsien mill-arrest.

**Aaron Attard,** spjega li ftit qabel il-Milied tas-sena 2019 huwa kien qieghed bit-taxi ta' missieru quddiem il-Hilton Hotel. Gharaf lil Thomas Camilleri bhala l-persuna li

ghajtitlu sabiex twasslu l-Gzira u lura. Inoltre jispjega li gharaf lil Thomas Camilleri stante li meta mar jirraporta gewwa l-ghassa, huwa gie muri ritratt ta' Thomas Camilleri u b'hekk gharfu. Aaron Attard jghid li meta wassal lil Thomas Camilleri l-Gzira, dan tal-ahhar talab lil Aaron Attard jistennieh sakemm jitla' fuq fil-blokka appartamenti fejn habib tieghu. Wara ftit minuti, Thomas Camilleri rega' gie u talab lil Aaron Attard jaghtih €100 sabiex isarraflu l-flus, liema flus inghataw lil Thomas Camilleri u dan ma radd xejn lura lil Aaron Attard. Thomas Camilleri qal lil Aaron Attard, li l-flus kien se jtihomlu l-habib tieghu u rega' telaq l'hemm. Wara ftit, rega' rritorna Thomas Camilleri fejn saqsa lil Aaron Attard jekk il-prezz li kien talbu biex iwaslu l-Gzira u lura jibqax l-istess jekk anke jirkeb il-habib tieghu, fejn Aaron Attard infurmah li l-prezz kien se jibqa' l-istess. Thomas Camilleri qallu li kien se jmur ghal habib tieghu, izda meta Aaron Attard beda' jiccekkja mill-mirja tal-karozza tieghu, ra li Thomas Camilleri mexa il'boghod mill-blokka, u ghalhekk nizel mill-vettura biex jara fejn mar Thomas Camilleri, izda dan tal-ahhar kien lahaq telaq. Aaron Attard jikkonferma li meta mar jirraporta l-Ghassa, huwa ddeskriva l-persuna ta' Thomas Camilleri, u l-pulizija urewh ritratt wiehed ta' Thomas Camilleri u Aaron Attard ikkonferma li kien l-istess persuna.

**Manwel Falzon**, huwa xufier tal-mini-buses u rraporta gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema li Thomas Camilleri ried jibghatlu 8 jew 10 minn nies, izda Manwel Falzon ma kellux fejn ipoggihom fil-mini-bus. Thomas Camilleri talbu jmorru l-ufficju ta' Thomas Camilleri sabiex jghid lil dawn in-nies li gejjin. Wara ftit, Thomas Camilleri mar fuq Manwel Falzon u talbu bqija ta' mija. Manwel Falzon tah €100 lil Thomas Camilleri izda dan tal-ahhar ma tax bqija lil Manwel Falzon. Manwel Falzon gharaf lil Thomas Camilleri fl-awla bhala l-istess persuna li talbu €100.

**Joseph Falzon,** jghid li huwa xufier tat-taxi u fi zmien il-Milied mar jirraporta l-Ghassa ta' Tas-Sliema li rikkeb persuna fil-vettura tieghu fejn din il-persuna talbitu l-prezz ghal vjagg minn Tigne Point sal-Gzira u lura. Joseph Falzon talbu €10 u din il-persuna accettat u rikbet. Kif waslu l-Gzira, din il-persuna talbet lil Joseph Falzon €100 u nfurmatu li kienet se ttih €120 liema prezz jinkludi l-prezz tal-vjagg minn Tigne Point sal-Gzira u lura. Joseh Falzon ghamel xi 7 minuti jistennieh, fejn umbghad nizel ifittex lil din il-persuna. Inzerta kien hemm persuna ohra li nfurmatu li l-passiggier li kellu

kien ghamel l-istess lilu. Ghalhekk Joseph Falzon mar jirraporta. Joseph Falzon gharaf lil Thomas Camilleri fl-awla bhala l-passiggier li rikkeb u tah €120.

**Ivika Mandic**, huwa xufier tat-taxi u mar jirraporta l-Ghassa ta' Tas-Sliema fid-29 ta' Dicembru, 2019 li Thomas Camilleri ordna taxi minn fejn stabbiliment gewwa l-Gzira, fejn Thomas Camilleri nfurmah li ried jieqaf f'zewg postijiet, gewwa l-Msida fejn il-Skate Park u wara ghal Gzira fejn il-KFC. Thomas Camilleri talbu bqija ta' €100 izda Ivika Mandic infurmah li kull ma kellu kienu €90. Thomas Camilleri talabhomlu u qallu li se jerga' jtihomlu fi ftit minuti izda Thomas Camilleri telaq f'zona mudlama u Ivika Mandic prova jsuq lejn dik iz-zona izda ma setax jidhol bil-vettura u beda' jibza' johrog mill-vettura. Huwa stenna hemmhekk ghal madwar siegha biex forsi jerga' jigi lura Thomas Camilleri, izda dana qatt ma rritorna lura. Dan kien ghal habta tat-3 a.m. Ivika Mandic gharaf lil Thomas Camilleri fl-awla bhala l-istess persuna li hadlu l-flus. Ivika Mandic jikkonferma li kien rega' nzerta lil Thomas Camilleri iktar tard gewwa l-Black Gold gewwa ta' Tas-Sliema fejn talbu lura l-flus, izda Thomas Camilleri qallu li m'ghandu xejn fuqu u li kien se jtihomlu l-ghada. Izda l-ghada Ivika Mandic kien se jsiefer biex jara lil familtu, u qallu li kien se jghamel kuntatt mieghu permezz tal-facebook, izda Thomas Camilleri qatt ma rega' kelmu lura. Jikkonferma li Thomas Camilleri ma radlu l-ebda flus lura.

**Christopher Dimech**, huwa xufier mal-e-cabs u fit-2 ta' Frar, 2020 huwa mar jirraporta gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema li kellu jigbor klijent mill-Azzur Hotel fejn dan il-klijen xtaq imur l-Msida u lura. Il-klijent saqsa lil Christopher Dimech il-prezz tal-vjagg liema ammont kien ta' €13 u saqsieh jekk ghandux bqija ta' €100 u talbu wkoll rcevuta. Christopher Dimech tah il-flus u l-ircevuta u talab lil dan il-klijent il-mowbajl bhala garanzija li se jinghata l-flus, izda din il-persuna nfurmatu li ma kellux mobile fuqu. Christopher Dimech jghid li ta l-ammont ta' €87 lil dan il-klijent u ma nghatax flus lura. Jikkonferma li Thomas Camilleri prezenti fl-awla huwa l-istess persuna li hadlu dawn l-flus. Inoltre jikkonferma li meta mar l-Ghassa u ddeskriva l-persuna li kien hadlu l-flus, il-pulizija urewh ritratt wiehed ta' Thomas Camilleri.

**Dean James Gatt**, huwa xufier tat-taxi u mar jirraporta l-Ghassa tal-Msida li kien hemm persuna li waqfitu u saqsitu jekk kienx tal-Bolt fejn Dean James Gatt qallu li iva, izda ma

kellu l-ebda ordni minghand dan il-persuna sabiex irikbu. Din il-persuna talbet lil Dean James Gatt twasslu s-Swatat u lura fejn dan tal-ahhar talbu €17 fejn il-passiggier accetta. Il-passiggier talbu jwaqqaf fejn Savoy Gardens u saqsih jekk ghandux bqija ta' €100. Dean James Gatt qallu li iva ghax igemma l-karti tal-€100. Il-passiggier ghalhekk offrielu li jsarraf €100 ohra, izda Dean James Gatt qallu li kull ma kellu fuqu kienu €150. Ghalhekk Dean James Gatt qal lil passiggier li kien se jtih bqija ta' €100 u l-€100 l-ohra seta' jzommha peress li ma kellux biex isarraflu. Il-passiggier qabad u hataflu l-flus minn idu u telaq jigri l'barra mill-vettura. Dean James Gatt kien ghadu bis-seatbelt u l-bieba tieghu kienet qeghda ma hajt u ghalhekk ma setax jiftah, johrog u jigri wara din il-persuna. Dean James Gatt gharaf lil Thomas Camilleri fl-awla bhala l-persuna li hatiftlu l-flus. Jikkonferma li l-Ghassa ma wrewhx ritratti ta' Thomas Camilleri, izda gieli ra lil Thomas Camilleri ghaddej fl-akkwati tal-Gzira. Jikkonferma li ghandu jiehu lura l-ammont ta' €150.

**Ismael Seisun**, huwa taxi driver u jghid li ghamel rapport gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema fil-25 ta' Frar, 2020 li kien rikkeb persuna u waslu f'post u talbu l-ammont ta' €13. Din il-persuna talbet lix-xufier ircevuta u bqija ta' €50. Ismael Seisun tah il-flus u l-ircevuta u l-passiggier qallu li se jinzel igib il-flus mill-ufficju u jerga' jirritorna bil-flus, izda din il-persuna qatt ma regghet giet lura. Jikkonferma li Thomas Camilleri prezenti fl-awla huwa l-istess persuna li hadlu l-bqija ta' €50, cioe' €37 u ma regax tah il-flus lura.

**Antonio Bonfiglio**, irraporta gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema fit-12 ta' Marzu, 2020 li huwa kien xufier tal-e-cabs u giet persuna fuqu thabbat mat-tieqa tal-karozza fejn talbet l-ammont ta' flus sabiex iwasluh l-Airport. Antonio Bonfiglio cempel il-control room fejn dawn qalulu li l-prezz kien ta' €20. Din il-persuna telqet l'hemm u wara ftit minuti regghet marret u accettat il-prezz. Din il-persuna nfurmat lil Antonio Bonfiglio li kellhomx jghaddu ghall-imghallem ta' din il-persuna gewwa l-Gzira. Meta waslu gewwa l-Gzira, il-passiggier talab bqija ta' €50 u nfurma lix-xufier li l-imghallem tieghu kien nizel bil-flus. Ix-xufier tah il-flus u l-passiggier wara ftit sekondi harab minn fuq il-post. Antonio Bonfiglio talab struzzjonijiet mill-control room fejn gie ordnat imur jghamel rapport l-Ghassa ta' Tas-Sliema u l-pulizija wara li ghamlu r-rapport qalulu sabiex jerga' jmur l-ghassa jekk jerga' jinzerta lil din il-persuna. Ghalhekk, Antonio

Bonfiglio rega' mar lura fejn Triq Sir Charles Cameron u ra lil din il-persuna hierga minn appartament. Jispjega li mar ikellem lil din il-persuna fejn din tal-ahhar qaltlu biex jigi mieghu u jtih il-flus hu. Antonio Bonfiglio mexa mieghu u din il-persuna nizlet f'xi garaxxijiet, izda Antonio ma nizilx ghax beda jibza'. Din il-persuna harget minn bokka differenti u Antonio Bonfiglio lemhu, u hekk kif lemhu, harab jigri u Antonio Bonfiglio harab jigru ghal warajh. Wara ftit minuti jigri warajh, ra zewg rapprezentanti tal-Malta Transport u beda jghajtilhom biex iwaqfu lil din il-persuna, u rnexxielhom. Antonio Bonfiglio cempel lil pulizija. Jikkonferma li Thomas Camilleri prezenti fl-awla huwa l-istess persuna li hadlu l-flus.

**Jamal Mansur Mohammed Al Najar**, huwa xufier tat-taxi u kien wieqaf il-Gzira. Huwa spicca xoghol fis-2:30 a.m. Giet persuna u talbitu jwassalha San Gwann u lura ghal prezz ta' €20 fejn Jama Mansur Mohammed Al Najar accetta. Meta waslu, din il-persuna talbitu jsarraf €50 izda x-xufier ma kellux €50 u ghalhekk il-passiggier qallu biex imur jigbed il-flus. Hekk kif mar jigbed il-flus, tahom lil passiggier, izda l-passiggier ma tah l-ebda bqija u harab l'hemm. Kien hemm okkazjoni ohra fejn l-istess passiggier rikeb l-istess vettura ta' Jamal Mansur Mohammed Al Najar fejn ix-xufier gharaf lil passiggier u qallu li kellu jtih l-ammont ta' €35. Il-passiggier infurmah li jekk imur mieghu d-dar, kien se jtih €70, izda minflok, ix-xufier waqaf fejn l-Ghassa ta' Tas-Sliema u talab lil passiggier jinzel. Ix-xufier nizel u dahal l-Ghassa biex jinfurmahom li l-passiggier li kellu huwa l-passiggier li kien hadlu l-flus. Jikkonferma li Thomas Camilleri prezenti fl-awla huwa l-istess persuna li kien hadlu l-flus.

**Ryan Muscat**, jghid li fl-14 ta' Frar, 2020 huwa mar jirraporta gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema li huwa kien ghamel avviz fuq facebook li kien qed ifittex playstation ghal bejgh u wara xi jumejn ircieva messagg b'isem Gharbi fejn infurmah li kellu playstation ghal bejgh fl-ammont ta' €220. Ryan Muscat infurmah li jekk ihallihielu ghal prezz ta' €200, kien lest li jixtrih, u ftehmu. Meta Ryan Muscat mar fejn ftehmu, ra lil din il-persuna gejja lejh izda ma kellu l-ebda playstation f'idejh. Jikkonferma li Thomas Camilleri prezenti fl-awla huwa l-persuna li kien kelmu dwar il-playstation. Huma marru gewwa Triq Sir William Raid quddiem is-Savoy Gardens fejn hawnhekk Thomas Camilleri talbu l-flus. Ryan Muscat qallu li la jgib il-playstation, itih il-flus, izda Thomas Camilleri ma accettax. Ghalhekk Ryan Muscat tah il-flus u qallu biex ma jahrabx bihom. Thomas

Camilleri ha l-flus u dahal go post u wara ftit ghajjat lil Ryan Muscat u talbu l-karta tal-identita' sabiex jghamel karta fejn jiddikjara li huwa m'ghandu x'jaqsam xejn izjed mal-playstation. Ryan Muscat qallu li ma kellu l-ebda karta tal-identita' fuqu u li kull ma ghandu huma c-cwievet tal-karozza tieghu stante li l-flus kien tahom lil Thomas Camilleri. Thomas Camilleri qallu li huwa m'ghandux x'jaqsam u li kien niezel wiehed Michael sabiex itih il-playstation. Thomas Camilleri rega' dahal mill-bieb centrali u ma regax tfacca. Ryan Muscat dam nofs siegha jistenna li jigi xi hadd bil-playstation u meta ma gie hadd, mar jirraporta l-Ghassa. Huwa rnexxielu jiddentifika lil Thomas Camilleri, ghaliex dahal fil-profile picture tieghu u ta n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura ta' Thomas Camilleri lil pulizija.

**Raymond Borg**, ghandu hanut gewwa tas-Sliema jismu V & F, u jispjega li mar jghamel rapport l-Ghassa ta' Tas-Sliema peress li Thomas Camilleri li gharaf fl-awla kien dahal ghal habta tas-7:00 p.m. u qallu li ried jghamel xirja kbira mill-hanut tieghu li huwa supermarket. Saqsieh jekk jghamilx deliveries u Raymond Borg wiegbu li ma kienx qed jghamel deliveries fl-ghaxija izda filghodu biss. Thomas Camilleri hareg mill-hanut u wara ftit rega' dahal u talab lil Raymond Borg isarraflu €100 peress li riedhom €50 karti ta' €5, €20 karta ta' €20 u €10 ta' €10. Sakemm kien qed jirranga l-flus, Thomas Camilleri hatafhomlu. Raymond Borg ghadda kopja ta' CCTV footage fejn gie muri dan li spjega.

**WPC 167 Joanne Grima**, stazzjonata l-Ghassa ta' Tas-Sliema tghid li fis-26 ta' Dicembru, 2019 ghal habta ta' 15:58 hrs, certu Aaron Attard mar jirraporta li huwa xufier tat-taxi u fit-22 ta' Dicembru, 2019 waqt li kien xoghol ghal habta ta' 00:10 hrs u 00:30 ta' filghodu gie ffrodat minn persuna. Spjega li huwa kien fejn il-Hilton Hotel u mar persuna maskili jitolbu jwasslu l-Gzira. Is-sur Attard waslu gewwa Triq Empire Stadium il-Gzira u hekk kif waslu, dan il-persuna hareg mit-taxi u qal lix-xufier li kien sejjer ikellem lil siehbu u sabiex jistennieh. Wara ftit hin, dan ir-ragel maskili mar ihabbat mat-tieqa tax-xufier u talbu jekk ghandu isarraf €100. Inoltre dan ir-ragel maskili staqsa lis-sur Attard jekk kellu zewg karti ta' €5 minflok €10 fejn is-sur Attard wiegeb fin-negattiv. Is-sur Attard spjega li hekk kif ta l-flus lil dan ir-ragel maskili, dan tal-ahhar qallu li kien se jmur jigbed il-flus sabiex iroddhomlu lura, izda dan ir-ragel

qatt ma mar lura. Is-sur Attard iddeskriva lil dan ir-ragel bhala fih persuna, kellu ftit lehja u b'xaru imqaxra u kien liebes qmis blu.

**WPC 167 Joanne Grima** tghid li fit-23 ta' Dicembru, 2019 ghal habta ta' 05:39 ta' filghodu, Manuel Falzon mar jirraporta li huwa jahdem bhala xufier tat-taxi u gie ffrodat. Is-sur Falzon spjega li ghal habta ta' 04:45 ta' filghodu, huwa kien ix-Xatt ta' Tas-Slliema u gie avvicinat minn persuna li qallu li ghandu grupp ta' 7 minn nies li riedu jmorru l-Airport. Stqarr li huwa kellu jmur iwassal lil xi nies li kienu diga' bbukkjawh u li din il-persuna rikbet mieghu. Wara li wassal lil dawn in-nies, din il-persuna qaltlu biex twasslu gewwa Triq Sir Charles Cameron u malli waslu, din il-persuna qaltlu li kien se jmur igib il-flus u jekk ghandux bqija ta' €100. Is-sur Falzon tah €60 peress li l-vjagg ghall-Airport kien se jammonta ghal €40, u din il-persuna qalet lis-sur Falzon sabiex jibqa' fil-karozza u jitfi l-istess karozza. Is-sur Falzon dam ftit jistennih izda dan ir-ragel ma regax gie bil-flus. Huwa ddeskriva lil dan ir-ragel bhala li fih persuna, kellu ftit tal-lehja u b'xaghru mqaxxra.

WPC 167 Joanne Grima tghid li fit-23 ta' April, 2020 ghal habta ta' 12:42 Raymond Borg mar jirraporta li huwa sid hanut bl-isem V & F Supermarket u fil-gurnata ta' qabel, kien dahal persuna u ffrodah €100. Jghid li fit-22 t'April, 2020 ghal habta ta' 20:15 hrs persuna liebes flok abjad, shorts u karkur qallu li ried jaghmel xirja kbira u jekk jghamilx delivery, fejn is-sid tal-hanut qallu li peress li kien fil-ghaxija, ma jghamilx deliveries dak il-hin. Dan ir-ragel telaq il-barra izda wara ftit sekondi rega' gie u talab lil sid il-hanut isarraflu €100, f'karta ta' €50, zewg karti ta' €20 u karta ta' €10. Is-sur Borg hekk ghamel u dan ir-ragel harab jigri barra mill-hanut. Id-deskrizzjoni li ta s-sur Borg huwa li dan ir-ragel kellu xaghru mqaxra, lehja ma wiccu u kien fih persuna. Is-sur Borg ipprezenta filmati ta' dan ir-ragel gewwa l-hanut lill-Pulizija. Il-filmat intbghat gewwa t-Taqsima tal-Forensika u gew stampati xi ritratti fejn jidher il-persuna ta' Thomas Camilleri.

**WPC 416 S. J. Ellul**, stazzjonata l-Ghassa ta' Tas-Sliema tghid li fit-23 ta' Dicembru, 2019 ghal habta ta' 19:25 hrs ta' filghaxija, Joseph Falzon mar jirraporta li nsterqulu €100. Is-sur Falzon stqarr li huwa sid u xufier ta' taxi TAXI70M u ghal habta ta' 18:30 hrs ragel maskili liebes track suit griza bil-hood, ta' statura medja u fl-eta' ta' 30 sena

rikeb fil-karozza tas-sur Falzon fejn Tigne Point sabiex imur il-Gzira. Dan ir-ragel talab lix-xufier jistennieh sakemm igib it-tifel u jerga' jwassalhom Tigne Point. Hekk kif waslu l-Gzira, dan ir-ragel talab lil Joseph Falzon isarraflu karta ta' €100 ghal zewg karti ta' €50. Is-sur Falzon tah il-flus u dan ir-ragel hatafhom u harab minn fuq il-post.

WPC 416 S. J. Ellul, tghid li fit-12 ta' Marzu, 2020, Andrea Bonfiglio mar jirraporta l-Ghassa fejn stqarr li bejn 00:30 hrs u 00:45 hrs kien quddiem KFC ix-Xatt tal-Gzira u persuna maskili avvicinatu u saqsietu l-prezz li jiehu biex iwassal lill-imghallem tieghu l-Airport. Bonfiglio wiegbu li l-vjagg kien se jammonta ghal €15 wara li kkonferma mal-E-cabs. Ghall-ewwel dan ir-ragel irrifjuta s-servizz izda wara ftit minuti, rega' gie lura. Dan ir-ragel kien informa lil Bonfiglio, li l-imghallem tieghu kien jhallsu €50 u ghalhekk ix-xufier tah il-bqija ta' €35. Il-passiggier harab mill-karozza u x-xufier hareg ghal warajh u ma setax isibu. Bonfiglio mar l-Ghassa jirraporta u wara li lesta, rega' mar fejn il-KFC fejn rega' lemhu u cempel ghall-assistenza tal-Pulizija fejn gew PC 61 u PC 535 mill-iskwadra tal-RIU u dawn gabru d-dettalji minghand Andrea Bonfiglio. Irrizulta li dan ir-ragel kien Thomas Camilleri. WPC 416 talbet li l-KFC jibghatu CCTV footage liema footage intbghat lil pulizija tal-Forensika.

WPC 416 S. J. Ellul, tghid li fit-12 t'April, 2020 mar jirraporta Ryan Muscat li ried jixtri playstation u ghalhekk tefa' avviz fuq il-facebook fejn bghatlu persuna b'isem miktub bil-kitba Gharbija u ftehmu fuq prezz. Ghal habta ta' 16:00 hrs Ryan mar quddiem il-KFC gewwa l-Gzria u minn hemmhekk, din il-persuna bl-isem Gharbija talbet lil Ryan imur quddiem Sparkle Image. Meta wasal, Ryan Muscat innota ragel liebes gakketta hamra bla kmiem, jeans u T-shirt ta' kulur abjad. Dan ir-ragel informa lil Ryan Muscat li l-playstation ma kienitx ghandu u kellhom imorru d-dar tal-kunjatu tieghu sabiex itih dan il-playstation. Ryan Muscat qal li dan ir-ragel offra li jiccekja l-playstation biex jara li kollox sew. Dan ir-ragel talab il-flus lil Ryan izda Ryan qallu biex itih il-playstation l-ewwel u r-ragel infurmah li qabel ma jtih il-flus €200 ma kienx se jtih il-playstation. Dan ir-ragel dahal go post u wara ftit rega' hareg u talab il-karta tal-identita' ta' Ryan Muscat sabiex ikunu jistghu jiffirmaw karta li l-playstation tahdem tajjeb, izda Ryan infurmah li ma kellux il-karta tal-identita' fuqu. Il-persuna maskili nfurmatu biex jibqa' jistenna hemmhekk sa ma jigi certu Michael u jtih il-playstation, izda dan ir-ragel qatt

ma tfacca. Ryan mar jirraporta l-Ghassa u wera ritratt tal-persuna maskili lill-pulizija fejn dawn iddentifikawh bhala Thomas Camilleri.

**PC 1187 Matthew Cassar**, stazzjonat l-Ghassa ta' Tas-Sliema jghid li fid-29 ta' Dicembru, 2019 ghal habta tal-11:00 a.m. Ivica Mandic mar jirraporta l-Ghassa li fit-28 ta' Dicembru, 2019 ghal habta ta' 20:20 p.m. kien dahallu booking sabiex bil-vettura tal-kumpanija Bolt jigbor lil certu Chris minn Casey's Bar Gzira. Hekk kif wasal fuq il-post, saqsa ghal wiehed Chris u dan qallu li kien ibbukkja l-karozza ghal habib tieghu u mhux ghalih. Il-passiggier talbu jwasslu l-Gzira u hekk kif waslu, il-passiggier talbu bqija ta' €100. Ix-xufier ta l-bqija lil passiggier u dan telaq. Wara ftit minuti, ix-xufier induna li ma kienx ha l-karta ta' €100 u lanqas thallas ghax-xoghol li kien ghamel, liema xoghol jammonta ta' €6.80. Ix-xufier iddeskriva lil dan ir-ragel bhala twil, fartas u daqxejn imbaccac. Xufiera ohra hbieb ta' Ivica Mandic qalulu li kien gralhom l-istess u li dan ir-ragel kien ghadu hiereg mill-habs.

**WPC 251 Sally Ann Felice,** stazzjonata l-Ghassa ta' Tas-Sliema, tghid li fit-2 ta' Frar, 2020 ghal habta tat-3:00 a.m. Christopher Dimech dahal jirraporta li huwa jahdem bhala xufier mal-kumpanija E-cabs u ghal xi 2:00 am. kien gie infurmat mill-control room sabiex jigbor persuna minn quddiem l-Azzur Hotel. Gabar il-persuna u l-passiggier ried imur l-Msida fejn il-Yacht Marina. Il-passiggier intalab ihallas l-ammont ta' €13 u dan saqsa lix-xufier jekk ghandux bqija ta' €100 kif ukoll rcevuta. Christopher Dimech qallu li kull ma kellu fuqu bhala flus kien l-ammont ta' €80. Il-passiggier accettahom u hareg barra mill-vettura fejn ix-xufier talbu jhalli l-mobile bhaal garanzija li se jerga' jigi bil-flus, izda dan ir-ragel qallu li ma kellux mobile u ghalhekk il-passiggier talbu jdur id-dawra ghal hdejn il-hanut Mille Miglia gewwa l-Gzira. Hekk kif ix-xufier wassal lil passiggier, dan hareg jghajjat "Mike itfali l-pouch", u hemmhekk ix-xufier innota li l-passiggier harab mill-vettura tieghu. Ix-xufier hareg jara fejn seta' mar il-passiggier u rah jistahba wara karozza. Ghalhekk dan ir-ragel qal lil Dimech sabiex imorru l-Ghassa flimkien ghaliex ma kienx qed jafdah. Dimech talab li almenu jithallas il-bqija u dan ir-ragel infurmah li kien se jmur igiblu l-flus u beda jhaffef il-pass sakemm telaq jigri. Dimech iddeskriva lil dan ir-ragel maskili bhala twil, fih tifel, bil-qara, bjond u ghajnejh cari. Kien liebes flokk hoodie u qalziet tat-track suit griz. Dimech stqarr li gieli ra lil din il-persuna fl-akkwati tal-Gzira.

WPC 251 Sally Ann Felice tghid li fl-1 ta' April, 2020 ghal habta ta' 15:01 hrs Jamal Mansour Mohammed Alnajar mar jirraporta li huwa bhala xufier tat-taxi mal-kumpanija Cool gie frodat, fejn ghal habta ta' bejn 02:15 a.m. u 02:30 a.m. wassal ragel maskili mill-Gzira ghal San Gwann u lura. Hekk kif waslu, il-passiggier qal lix-xufier li huwa kellu cancer u kull ma kellu fuqu kienet karta ta' €50 u talab il-bqija. Il-vjagg kien jammonta ta' €20. Ix-xufier tah €50 u l-passiggier qal lix-xufier sabiex jistennieh sakemm igiblu l-flus, izda dan telaq u ma regax gie lura. Id-deskrizzjoni li ta ta' dan ir-ragel huwa li kien mibrum, twil u bla xaghar.

**WPS 256 L. Sant,** stazzjonata l-Ghassa tal-Msida tghid li fid-9 ta' Frar, 2020 ghal habta ta' 12:55 hrs, Dean James Gatt mar jirraporta illi ghal habta ta' 12:30 u 12:45 hrs waqt li kien qieghed isuq it-taxi tieghu gewwa Triq Rue D'Argens, persuna maskili saqsih jekk kienx mill-kumpanija Bolt. Dean ikkonferma li kien jahdem mal-kumpanija Bolt izda ma kienx mar ghalih stante li ma kienx ibbukkja t-taxi hu. Dan ir-ragel staqsih jekk setax iwasslu ghand habib tieghu gewwa Swatar u ftehmu fuq il-prezz ta' €10. Meta waslu, dan ir-ragel qal lil Dean James Gatt li kellu €200 f'2 noti ta' €100. Gatt wiegbu li huwa kelli biss bqija ta' €150 u dan tahomlu f'idejn dan ir-ragel. Ir-ragel qallu sabiex jistennieh sakemm igiblu l-flus minghand siehbu stante li nesa' l-kartiera. Gatt rah sejjer lejn xi garaxxijiet u ma regax rah gej lura. Gatt ta d-deskrizzjoni ta' dan ir-ragel bhala Malti, naqra' mibni, ghajnejh cari u xaghru mqaxxra. WPS 256 spjegat li hija mill-ewwel marret ghal Thomas Camilleri stante li kien maghruf mal-Pulizija li ghamel aktar atti simili ma nies ohrajn.

**PS 758 Andy Borg,** stazzjonat l-Ghassa ta' Tas-Sliema jghid li fil-25 ta' Frar, 2020 ghal habta ta' 03:05 a.m. Seisun Ismael mar jirraporta li huwa jahdem bhala xufier tat-taxi mal-kumpanija E-cabs u li wassal persuna bl-isem ta' Joseph Abela gewwa l-Gzira. Din il-persuna talbet li tinghata rcevuta ghall-ammont ta' €13 liema ammont kien il-prezz tal-vjagg u talab li x-xufier iselfu €50 sakemm imur l-ufficju u jgiblu l-flus. Seisun ra lil dan ir-ragel jidhol bejn zewg binjiet u ma regax deher. L-E-cabs cemplu lil dan Joseph Abela fejn ammetta li kien ibbukkja s-servizz tat-taxi izda ma kienx hadu dan is-servizz. Seisun gharaf lehen dan ir-ragel bhala l-istess wiehed li kien rikeb fil-vettura tieghu.

Seisun iddeskriva lil dan ir-ragel bhala persuna bil-qara, eta' ta' bejn 25-30 sena u li jitkellem Ingliz u Malti sew.

**Ikkunsidrat:**

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-prociediment kriminali, li biex imputat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, meta dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Dennin**g fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** – 1974 – ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt'.

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protet the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** ***(Qorti tal-Appell Kriminali – deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

"*it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after*

*consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma very u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-
*"il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Issa l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Settembru, 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista' jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed issib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Primarjament jigi rilevat li l-Qorti ma tistax issib htija ghal dak li jirrigwarda l-hdax (11)-il akkuza u dan peress li ma ngabet l-ebda prova f'dik illi jirrigwarda din l-akkuza.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni (2) u t-tnax (12)-il akkuza, hawnhekk ix-xhieda ma jiftakrux id-data ta' meta kellhom l-inkontru mal-imputat. Kemm ix-xhud Manwel Falzon kif ukoll, Raymond Borg sempliciment jghidu li ma jiftakrux meta sehh il-fatt, la jaghmlu referenza ghal granet, la xhur u wisq anqas snin. Illi xhieda ohra in relazzjoni mal-akkuzi datati 23 ta' Dicembru 2019 u t-22 ta' April, 2020 il-Qorti m'ghandha l-ebda xhud iehor ghajr l-istess Manwel Falzon u Raymond Borg u ghalhekk il-Qorti ma tistax tistabbilixxi li f'dawk il-granet indikati effettivament sehh ir-reat allegat fil-konfront tal-persuni msemmija, ladarba l-Qorti m'ghandha l-ebda provi ohra fir-rigward sabiex ma jkollha l-ebda dubju dettat mir-raguni li l-imputat ikkommetta r-reati msemmija.

Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqis it-tieni (2) u t-tnax (12)-il akkuza bhala ppruvati ai termini tal-Ligi.

Illi l-ewwel tnax-il imputazzjoni tal-imputat huma kollha tal-istess natura, u cioe' li l-imputat talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor u/jew shamel xi gliegh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-maggoranza tax-xhieda bl-eskluzjoni ta wiehed jirrakkuntaw kif l-imputat jiehu passagg bil-vettura taghhom u meta jitolbuh il-hlas, jitlobhom il-bqija ghal ammont ta flus, li huma jtuh wara li jghidilhom li se Jigi lura bid-differenza. Ryan Muscat madanakollu ighid li fl-14 ta' Frar ta' din is-sena huwa halla messagg fuq Facebook fuq il-grupp Min ipartat u min ibiegh i kien interessat fi play station, u wara li gie Ikkuntattjat minn xi hadd huwa fichem li jixtri play station ghall-prezz ta' mitein (€200) Ewro, hemmhekk iltaqa' ma l-imputat li talbu l-flus u wara kien se jigi bl apparat. L-imputat nghata l-flus mix-xhud Muscat u telaq bihom b'dan li halla lil Ryan Muscat jistenna li l-imputatjigi bil play station.

Illi fil-kawza ma kien hemmx xhieda ohra kemm min-naha tal-prosekuzzjoni jew tad-difiza li jikkontradicu l-fatti kif qaluhom ix-xhieda, lanqas ma' l-imputat jixhed jew jiggustifika ghal liema raguni huwa ha l-flejjes ta' dawn il-persuni kollha. Jirrizulta li l-imputat irnexxielu jottjeni ammonti ta' flus zaghar minn persuni differenti fuq il-gideb u weghdiet li kien se jirritorna bihom, meta kien jaf li mhux se jirritorna bil-flus u kien se jibqa' sejjer bihom biex jaghmel qliegh personali mhux gustifikat minnhom.

Illi ghalhekk il-Qorti tara li l-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7), it-tmien (8), id-disgha (9), u l-ghaxar (10) imputazzjonijiet gew kollha ippruvati minghajr dubju dettat mir-raguni, izda dan mhux ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda ai termini ta' l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9, reat kompriz u nvolut fir-reat ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-fatt fil-kawza, il-Pulizija vs Raymond Ferris, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-21 ta' Mejju, 2015, il-Qorti meta kienet qed titratta l-elementi materjali ghar-reat kontemplat taht l-Artikolu 308, kienet qalet illi:

Illum, ghalhekk, huwa assodat fil-gurisprudenza taghna illi biex ikun hem ir-reat tat-truffa, ghal dawk li huma artifizi, ma hix bizzejjed is-semplici gidba, izda jinhtieg li jkun hem ukoll l-apparat estern li jaghti fidi lil dik il-gidba. Irid ikun hem dik il-"magna callidibus ad decipiendum aliquam addibite"; irid ikun hem dik l-impostura li tikkonstringi lil dak li jkun li jemmen li tnehhi kull suspett u li tipparalizza d-diligenza tal-iffordat u tissorprendilu il-bwona fede tieghu.

Illi l-istess sentenza kwotat ukoll is-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Emanuel Tabone deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta Marzu 1995 fejn kien dikjarat li:

*"...r-reat tat-truffo jirrikjedi li jkun hemm mhux biss is-semplici kliem menzonjer, imma anke l-"mise-en-scene" li taghti kreditu lil dak il-kliem ta' ngann"*

Illi is-sentenza fl-ismijiet il-*Pulizija vs George Manicolo* deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Lulju 1998 ukoll dahlet fuq il-kwistjoni jekk gidba tammontax jew le ghall-elementi materjali rikjesti taht l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali u rriteniet li:

*"Sabiex jissussisti r-reat to' truffa m'hijiex bizzejed is semplici gidba, il-kliem menzjonier izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukall l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonow bniedem ta intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici".*

Fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Carmela German* gie kkunsidrat li:

'Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe' jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' fordi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe' tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra'.

Filwaqt li fil-kawza fl-ismijiet '*Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Mario Cardona* gie kkunsidrat li:

*'Illi l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, imbghad jikkontempla r-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana r-reat, ghalkemm l-elementi tar-"raggiri" jew l-"artifizji" huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghall-kummissjoni ta' dana r-reat, izda dana jrid bilfors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passic ta' dana r-reat isofri xi telf patrimonjali'.*

Illi ghalhekk il-Prosekuzzjoni ma rnexxielux tipprova l-frodi ai termini tad-dettami ta' l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda rnexxielha tipprova l-frodi ai termini ta' dak illi jghid l-Artikolu 309 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghar-rigward l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn l-artikoli jitkellmu dwar ir-recidiva u l-effett taghhom u hawnhekk ir-recidiva hija reat u akkuzat per se u ghalhekk titlob li tingieb l-ahjar prova sabiex jigi zgurat l-identita' tal-persuna. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Abela Paul* moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004 meta insibu s-segwenti dictum:

*L-appellant gie akkuzat li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-1 ta' Lulju, 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru, 2001, gie ritenut:*

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuzata bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova tal-identita'.....l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova tal-identita'.*

*Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati....".*

U fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Joseph Zahra* moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar, 2003, intqal:

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi pruvat a sodisfazzjoni tal-qorti – permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti – li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva".*

Illi f'din il-kawza lanqas giet esebita kopja wahda ta' sentenza fil-konfront tal-imputat, ghalhekk certament f'nuqqas ta' prova ta' din il-kwalita', il-Qorti certament ghal dak li jirrigwarda l-aggravant tar-recidiva skond kif indikat fl-imputazzjoni numru erbatax (14) certament, li l-Qorti ma tistax tqis lill-imputat bhala recediv minhabba l-motivi hawn fuq indikati.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tlettax (13)-il imputazzjoni u cioe' tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, certament li l-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni u dan in vista tan-nuqqas lampanti ta' provi f'dan ir-rigward.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni l-Artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta. Oltre dan il-fedina penali tal-imputat esebita a fol 18 tal-process hija wahda pjuttost ikkulurita u minkejja diversi opportunitajiet li l-imputat inghata fil-passat biex jirriforma ruhu huwa baqa' qatt ma usufruwixxa minn dawn l-opportunitajiet, ghalhekk peress li l-imputat baqa' ma tghallem qatt, piena alternattiva gha prigunerija effettiva zgur li mhux se tkun wahda idoneja ghall-imputat.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 579, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7), it-tmien (8), id-disgha (9) u l-ghaxar (10) imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 309 tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta kif kompriz u nvolut fl-Artikolu 308 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet, ma ssibux hati tat-tieni (2), il-hdax (11), it-tnax (12), it-tlettax (13) u l-erbatax (14)-il imputazzjoni stante li ma jirrizultawx u ghalhekk tilliberah minnhom, tikkundannah ghal perjodu ta' ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva li minnhom ghandhom jitnaqqsu l-perjodu ta' zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**